

- fir-rigward tad-drittijiet l-oħra:
 - tikkonstata li r-rikorrenti kellhom jiġu rreklutati bħala membri tal-persunal temporanju ta' wieħed mill-ewwel tliet konvenuti u tiddikjara li l-ewwel tliet konvenuti trattaw lir-rikorrenti b'mod illegali u diskriminatorju, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni tagħhom, id-drittijiet għall-pensjoni tagħhom u l-vantaġġi relatati, kif ukoll f'dak li jirrigwarda il-garanzija ta' impjieg ulterjuri;
 - tikkundanna lill-ewwel tliet konvenuti jikkumpensaw lil kull wieħed mir-rikorrenti għad-dannu sostnut minħabba l-assenza ta' applikazzjoni tar-remunerazzjonijiet, tad-drittijiet għall-pensjoni, benefiċċji u vantaġġi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, ikkawżat min nuqqas ta' trattament ugwali illegali;
 - tikkundannahom iħallsuhom l-interessi fuq dawn is-sommom;
 - tistabbilixxi terminu sabiex il-partijiet jevalwaw l-imsemmi kumpens b'teħid inkunsiderazzjoni tal-grad u tal-iskala li fihom ir-rikorrenti kellhom jiġu impjegati, tal-iżvilupp medju tar-remunerazzjoni, tal-iżvilupp tal-karriera rispettiva tagħhom, tal-benefiċċji li huma kellhom jirċievu abbażi ta' dawn il-kuntratti ta' membri tal-persunal temporanju u tqabbel ir-riżultati miksuba mar-remunerazzjoni effettivament irċevuta mir-rikorrenti;

Sussidjarjament:

- tikkundanna lill-ewwel tliet konvenuti jikkumpensaw lir-rikorrenti għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tagħhom li tirriżulta mill-assenza tal-osservanza tad-drittijiet fundamentali tagħhom, kumpens evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 20 000 għal kull sena ta' anzjanità;
- tikkundannahom iħallsuhom l-interessi fuq dawn is-sommom;

tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-183/21, *QP et vs Il-Kunsill et*.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2021 – Laboratorios Ern vs EUIPO – Beta Sports (META)

(Kawża T-192/21)

(2021/C 217/71)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanta: T. González Martínez, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Beta Sports LLC (Coconut Creek, Florida, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea META – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 973 308

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Jannar 2021 fil-Każ R 1152/2020-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 17 973 308 META fil-Klassi 5;
- tikkundanna lill-konvenut, u jekk ikun il-każ lill-intervenjenti, għall-ispejjeż.

Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2021 – Fidia farmaceutici vs EUIPO – Stelis Biopharma
(HYALOSTEL ONE)**

(Kawża T-194/21)

(2021/C 217/72)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Fidia farmaceutici SpA (Abano Terme, l-Italja) (rappreżentanti: R. Kunz-Hallstein u H. Kunz-Hallstein, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Stelis Biopharma ltd. (Karnataka, l-Indja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattivi HYALOSTEL ONE – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 399 649 li tindika l-Unjoni

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Jannar 2021 fil-Każ R 831/2020-5

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, alternattivament, jekk il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell tintervjeni, tikkundanna lil EUIPO u l-intervenjent *in solidum* għall-ispejjeż.